**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 067/2018**

**CZ ('l-ilmentatrici')**

**vs**

***Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd.* (C13729)**

**('il-provditur tas-servizz'/'*Calamatta*')**

**Seduta tad-9 ta' Settembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici bazikament tghid li hija garrbet telf minn investiment fil-*Brewin Dolphin 9% IIB 2010,* liema investiment huwa allegat li sar minghajr il-kunsens taghha.

L-ilmentatrici ssostni li meta investiment li hi kellha ma' *Calamatta Cuschieri Investment Services Limited ('Calamatta'* jew 'il-provditur tas-servizz') kien wasal biex jaghlaq fis-sena 2007, hi marret biex tavza lill-istess provditur tas-servizz illi riedet tigbed flusha la darba dawn jaghlqu, izda dak iz-zmien kienu qalulha li huma digà investew flusha r-Russja ghal tliet snin minghajr il-kunsens taghha.

Hi sahqet li l-interess taghha kien biss li tiehu l-flus lura u ma kellha l-ebda intenzjoni li terga' tinvestihom jew li tiehu xi imghax gholi fuq il-kapital. Tul dawn it-tliet snin hi rceviet xi haga tal-imghax fis-sena. L-ilmentatrici indikat li fis-sena 2010, meta ghaddew dawn it-tliet snin u hi regghet marret ghal flusha, hi giet sfurzata sabiex terga' thalli l-kapital taghha hemm ghal sena ohra peress li kien intqal lilha li kulhadd kien ghamel hekk.

L-ilmentatrici argumentat li tul dawn l-erba' snin hi qatt ma giet infurmata mill-provditur tas-servizz kif kien sejjer l-investiment taghha, filwaqt li fl-ebda hin

ma ntqal lilha li flusha ma kinux fis-sod jew li tawha parir sabiex tigbidhom u li tista' titlef xi haga minnhom.

Kien proprju fis-sena 2011, f'gheluq din l-istess sena, meta regghet marret biex tigbor flusha l-ewwel darba li giet infurmata li l-bank fejn kienu gew investiti flusha kien falla u, ghalhekk, flusha ma hadithomx lura.

Hi sahqet li tul dawn l-ahhar seba' snin, ma hadet l-ebda sodisfazzjon x'inhu jsir minn flusha ghajr li giet offruta s-somma ta' €720 kumpens flok is-somma ta' €18,000, li hi kienet investiet, liema offerta hi irrifjutat. Indikat ukoll li kull meta cemplet jew marret ghand il-provditur tas-servizz personalment sabiex tistaqsi x'kien qed jigri minn flusha, dejjem intqal lilha li l-kaz kien qieghed il-Qorti.

L-ilmentatrici thoss li l-provditur tas-servizz huwa responsabbli ghall-investiment taghha, specjalment, minhabba li kien l-istess provditur tas-servizz li ddepozitalha flusha r-Russja minghajr ma hi kienet giet infurmata b'dan kollu; u mhux talli hekk, talli hasset li kienet sfurzata thallihom sena aktar mit-tliet snin li originarjament kienet infurmata u fl-ebda hin ma ntqal lilha li l-investiment ma kienx sejjer tajjeb. Rizultat ta' dan, hi tilfet il-flus kollha taghha.

Ghaldaqstant, l-ilmentatrici qed tistenna li tiehu lura s-somma ta' €18,000, originarjament investita, liema somma suppost haditha ghaxar snin ilu u li lanqas hadet imghax fuqha dawn l-ahhar seba' snin.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li essenzjalment tghid li**:

Preliminarjament l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex skont l-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* huma l-Qrati Maltin biss li jistghu iqisu tilwim li jista' jkun hemm bejn il-partijiet.

Illi wkoll li l-ilment huwa null skont l-Artikolu 789 (1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-investitur u l-provditur tas-servizz. Kienet l-ilmentatrici li ddecidiet li tinvesti flusha minghajr

ebda pressjoni da parti tal-istess provditur tas-servizz, kif ukoll kienet hi li riedet imghax gholi allavolja gie spjegat lilha diversi drabi li dan ifisser riskju

oghla u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz ma jaqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijiet maghmula f'dan l-ilment.

Il-provditur tas-servizz tenna li l-ilmentatrici kienet ilha tinvesti go l-istess tip ta' *bonds* u dejjem inqdiet minghand is-Sur Chris Saliba, li kien ukoll jokkupa l-kariga ta' Direttur. F'Lulju 2007, il-klijenti kollha li kellhom il-*bond* mahrug minn *FMG Finance 9.75% 2013*, li inxtara *at par,* gew avzati li l-prezz tal-*bond* kien lahaq il-prezz ta' 112.75% u jekk wiehed xtaq li jiehu l-qligh kapitali u inghataw numru ta' *bonds* simili bhala *reinvestment option*.

Jidher li l-ilmentatrici ghazlet li taghmel dan, u inxtara l-*bond* li fuqu hemm l-ilment, jigifieri id-*9% IIB 2010* bil-prezz ta' 100.50 li ma jindika l-ebda krizi. Il-provditur tas-servizz insista li hadd ma gie sfurzat u min ikun irid il-flus, dan seta' jsir dejjem; u, fil-fatt, hu stramb hafna l-fatt li l-ilmentatrici qatt ma lmentat li riedet flusha lura ghax giet sfurzata jew mhux avzata bejn Lulju 2007 sa Lulju 2010. Izda, altru minn hekk, hi accettat l-imghax li kien jammonta ghal €5,764, u ma kien hemm l-ebda ilment li giet sfurzata tinvesti.

Il-provditur tas-servizz izid li l-istess *bond* seta' jinbiegh facilment u l-ilmentatrici dejjem setghet talbet li jinbiegh u tigbor flusha tul dawn it-tliet snin ghax kien hemm zmien bizzejjed biex taghmel dan, f'hin f'waqtu u mhux wara li saret taf li kien hemm il-problemi. Ghalhekk tenna li dak li qed jinkiteb fl-ilment ma jregix u hu kollu allegazzjonijiet mhux minnhom biex jigi ggustifikat l-ilment.

Il-provditur tas-servizz sostna li l-ilmentatrici kienet infurmata tajjeb dwar ir-riskju u li anke jista' jintilef il-kapital jew parti minnu, filwaqt li anke jista' jkun hemm xi gwadann kapitali ukoll minbarra l-imghax, fattur li hi kienet esperjenzatu digà meta investiet f'diversi investimenti simili tal-istess livelli ta' imghax u riskju, fejn anke l-investiment kien wiehed f'*bonds* semplici, facli biex tifhimhom u ma kien hemm l-ebda element ta' *mis-selling*.

Jghid ukoll li l-fatt li l-ilmentatrici fethet kont mal-istess provditur tas-servizz fis-sena 1984, dan ifisser li tul dawn it-tletin sena hi dejjem investiet go tip ta' *bonds* li jhallsu imghax gholi u li jgorru element ta' riskju kompatibbli mar-rata gholja tal-imghax, fosthom, *bonds* ta' pajjizi bhall-Argentina, Brazil, Venezuela u kumpaniji privati varji li johorgu *bonds* b'imghaxijiet li jaqbzu d-9%.

Il-provditur tas-servizz ta spjegazzjoni ta' kif graw il-fatti li wasslu ghall-falliment tal-*issuer* tal-*bond* li dwarha qed jitressaq dan l-ilment. Indika ukoll li l-ilmentatrici kienet giet mgharrfa b'dak kollu li gara, anke bil-miktub, diversi drabi u stqarr li hi stess baqghet issegwi l-kaz u l-andament fil-qorti u titkellem dwar dan ma' diversi ufficjali tieghu.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz tenna li d-dannu jew telf li garrbet l-ilmentatrici sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll u dan kif jidher car mill-komunikazzjoni fuq il-kaz li ntbaghtet lil kull investitur. Tenna ukoll li kull dokumentazzjoni inghatat lill-ilmentatrici filwaqt li gie spjegat diversi drabi x'kien qed jigri wara l-*corporate action* li kienet hadet il-kumpanija u, ghalhekk, kwalunkwe telf li garrbet huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju, u dan kif gie spjegat lill-ilmentatrici minn diversi rapprezentanti tal-istess provditur tas-servizz ghal hafna drabi.

Il-provditur tas-servizz sahaq li sar dak kollu mistenni sabiex jinforma lil kull investitur li kellu flus go dan il-*bond* tal-*IIB* inkluz l-ilmentatrici.

Il-provditur tas-servizz indika li l-ilmentatrici investiet f'*bonds* tal-istess tip mis-sena 1984, u konvenjentament mhix tikkunsidra dawn l-investimenti l-ohra li ghamlet u l-imghaxijiet u d-dhul li saru mill-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet, u dan minbarra li hi ggwadanjat ukoll qligh kapitali sostanzjali tul is-snin.

Gie indikat ukoll li minkejja li l-ilmentatrici kienet ghamlet ukoll telf f'zewg tranzazzjonijiet ohra fis-snin 2003 u 2004, dan ma serviex ta' detriment li l-flus jigu investiti b'mod divers u aktar kawt li ghalhekk ifisser li kien hemm konoxxenza tajba u esperjenza ta' kif jahdmu *bonds* u x'jaffetwaw l-obbligi li jhallsu. Fuq kollox, il-provditur tas-servizz sostna li ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li l-investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni, kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

Il-provditur tas-servizz enfasizza li jekk tinghata harsa lejn il-*history* tal-kont tal-ilmentatrici, jidhru hafna tranzazzjonijiet go *bonds* spekulattivi b'imghaxijiet gholjin flimkien ma' dhul ta' eluf ta' ewro. Dan filwaqt li sahaq li fis-snin

imsemmija ma kienx jezisti *advisory* jew *execution only service* u, ghalhekk, il-kaz u l-ilment irid jigi mhares taht il-*modus operandi* fic-cirkostanzi ta' dak iz-zmien.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

***Eccezzjonijiet Preliminari***

Il-provditur tas-servizz isemmi t-*Terms of Business Agreement* li ma giex ipprezentat f'dawn l-atti u skont l-ilmentatrici dan il-kuntratt ma giex muri lilha u bhala *standard form contract* kellu jigi muri u spjegat lilha.

Galadarba dan id-dokument ma giex esebit, l-Arbitru ma jistax jiddeciedi fuqu u, ghalhekk, din l-eccezzjoni ma gietx ippruvata mill-provditur tas-servizz kif kellu l-obbligu li jaghmel.

Barra minn hekk, ma ngabet l-ebda prova li l-ilmentatrici b'xi mod irrinunzjat. Dan ma setax isir ghaliex meta sehhet it-tranzazzjoni l-Ufficcju tal-Arbitru ma kienx ghadu jezisti u, ghalhekk, l-ilmentatrici ma setghetx tirrinunzja ghal rimedju li kien ghadu ma jezistix.

Din l-eccezzjoni hija simili ghal dik moghtija fil-Kaz Numru 136/2018 fl-ismijiet *LU vs Crystal Finance Investments Ltd.*, deciz fid-9 ta' Settembru 2019, u ghall-istess ragunijiet moghtija f'din id-decizjoni u ghar-ragunijiet 'il fuq moghtija, l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

Dwar il-kwistjoni tan-nullità tal-ilment, l-Arbitru jinnota li verament li l-ilmentatrici tonqos li ssemmi l-prodott b'mod specifiku imma dan ma jimportax nullità ghaliex il-provditur tas-servizz xorta fehem l-ilment tant li ghamel risposta u nota ta' sottomissjonijiet dettaljati u, ghalhekk, ma sofra l-ebda pregudizzju. Il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ma jikkontempla l-ebda nullità f'dan ir-rigward u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

Fl-ilment taghha, l-ilmentatrici insistiet li l-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment sar minghajr hi ma giet avzata dwaru u, ghalhekk, minghajr il-kunsens taghha; u minkejja li hi riedet flusha lura, ma kellhiex ghazla ohra hlief li tistenna l-perjodu stipulat sabiex tkun tista' taghmel dan.

L-ilmentatrici sahqet li fis-sena 2007, peress li kellha xi somma flus investita li kienet waslet biex taghlaq, zaret il-fergha tal-provditur tas-servizz sabiex tigbed dawn il-flus.

Irid jinghad li l-mod kif l-ilmentatrici ghamlet l-ilment m'huwiex daqstant car ghaliex kemm fl-ilment, kemm tul ix-xhieda taghha kif ukoll fis-sottomissjonijiet finali, ma saret l-ebda referenza ghal liema investiment qed issir referenza, ghajr li kienu flus investiti l-Messiku. Kien biss mid-dokumenti sottomessi mill-provditur tas-servizz li l-Arbitru wasal ghall-konkluzjoni li l-investiment li ghalih l-ilmentatrici kienet qed tirreferi u li hi irreferiet ghalih bhala dak l-investiment li kien ser jaghlaq fis-sena 2007, kien id-*9.5% FMG Finance 2013*.

Mill-verzjonijiet li l-ilmentatrici innifisha tat fl-ilment taghha, fis-sottomissjonijiet u anke fix-xhieda taghha quddiem l-Arbitru, irrizultaw diversi kontradizzjonijiet.

L-ilmentatrici indikat li meta hi talbet flusha lura, jigifieri l-flus li kienu investiti fid-*9.5% FMG Finance 2013*, intqal lilha mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li dawn l-istess flus digà regghu gew investiti r-Russja, fejn ukoll kien mid-dokumenti pprezentati li rrizulta li dawn kienu gew investiti fid-*9% IIB 2010*.

Il-kontradizzjonijiet ta' dak li qed jintqal mill-ilmentatrici jirrizultaw meta hi stess sahqet li tul il-perjodu li damet investita f'dan l-investiment, il-provditur tas-servizz qatt ma nfurmaha kif kien sejjer dan l-istess investiment; izda fl-istess hin sahqet li kienet qed tircievi l-imghax fis-sena. Ma jistax li xi hadd li jkun qed jircievi l-imghax kull sena ma jkunx jaf kif sejjer l-investiment kif l-

[1] Kap. 555, Art.19 (3)(b)

ilmentatrici tittanta tghid. Ghalhekk mhux minnu li hi ma kinetx qed tkun infurmata mill-provditur tas-servizz kif sejjer l-investiment.

Kontradizzjoni ohra kienet fir-rigward tal-firma li l-ilmentatrici qalet li ntalbet taghti. Fix-xhieda taghha, hi tenniet li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien qalilha li l-flus kienu digà regghu gew investiti r-Russja, u minkejja li hi insistiet li marret biex tehodhom lura ghax ma riditx terga' tinvesti, hu baqa' jikteb u meta insista maghha biex tinvestihom, hu talabha tiffirma. Qalet ukoll li ghalkemm ma qalilhiex ghal xiex iffirmat, hi semghet minnu u ffirmatlu.

Izda, fl-istess hin tenniet ukoll li dwar dan l-investiment, il-provditur tas-servizz ma kienx baghat ghaliha sabiex tiffirma xi karti:

'*Nghid li dwar dan tar-Russja la qaluli fiex kien investit u lanqas kienu baghtu ghalija biex niffirma xi karti; u nghid li jista' jkun, ghax m'inix certa, li l-firma tieghi haduhieli meta mort biex nigbed il-flus.*'[2]

Din hija kontradizzjoni cara.

Minbarra dawn il-kontradizzjonijiet tal-ilmentatrici, il-verzjoni tal-provditur tas-servizz hija aktar koerenti kif ser jintqal f'din id-decizjoni.

B'referenza ghal dak li qalet l-ilmentatrici, li hi zaret il-fergha tal-provditur tas-servizz sabiex tigbed il-flus tal-investiment li kien ser jaghlaq fis-sena 2007, il-provditur tas-servizz tenna li dan ma setax ikun il-kaz. Dan minhabba li l-investiment li l-ilmentatrici irreferiet ghalih bhala dak li kien ser jaghlaq fis-sena 2007, jigifieri l-*FMG Finance* u li r-rikavat tieghu gie investit fl-*IIB*, ma kellux fil-verità jimmatura fl-2007. Kif inhu anke indikat fl-isem stess, dan kellu jimmatura fis-sena 2013.

Barra minn hekk, a bazi ta' *Transaction History* li giet ipprezentata, ma kien hemm l-ebda investiment iehor fis-sehh li kellu jimmatura fis-sena 2007. Dan ifisser li f'dak l-istadju ma kien hemm l-ebda raguni ghal xiex l-ilmentatrici kellha zzur il-fergha tal-provditur tas-servizz ghax, fuq kollox, ma kien hemm l-ebda investiment li kien ser jimmatura u, ghaldaqstant, l-ebda flus li hi kellha tigbor.

Fit-twegiba tieghu ghall-ilment, il-provditur tas-servizz jispjega li:

---

[2] *A fol.* 39

*'F'Lulju 2007, il-klijenti kollha li kellhom il-bond mahrug minn FMG Finance 9.75% 2013 li inxtara at par gew avzati li l-prezz tal-bond kien lahaq il-prezz 112.75% u jekk wiehed xtaq jiehu l-qligh kapitali u inghataw numru ta' bonds simili bhala reinvestiment option. Jidher li l-ilmentatur ghazel li taghmel dan.'*[3]

Dan gie ikkonfermat mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz meta fix-xhieda tieghu ikkonferma li kien hu stess li ghamel kuntatt mal-ilmentatrici:

*'Kont cempiltilha u nahseb kont tajtha parir biex tbiegh l-FMG ghax kien prezz tajjeb u, naturalment, ma ghidtilhiex biex tbiegh biss; ovvjament naghtik parir x'ser naghmlu bil-kapital meta jigi. Nghid li gew flimkien. Nghid li l-FMG u l-IIB kienu saru fl-istess gurnata.'*[4]

Dan ifisser li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ilmentatrici, kien il-provditur tas-servizz innifsu li ghamel kuntatt maghha biex eventwalment sehhet din it-tranzazzjoni, u r-raguni kienet minhabba qligh kapitali li hi kienet potenzjalment ser taghmel mill-investiment taghha fl-*FMG Finance.*

Fil-fatt, dan huwa anke ikkonfermat mit-*Transaction History*[5] ipprezentata, fejn irrizulta li mill-investiment fid-*9% FMG Finance 2013*, l-ilmentatrici ghamlet gwadann kapitali ta' aktar minn €2,000.[6]

Barra minn hekk, ghalkemm l-ilmentatrici sahqet li minkejja li giet mitluba tiffirma ma nghatat l-ebda informazzjoni lilha ghal xiex qed tigi mitluba taghmel dan, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz spjega li f'dan il-kaz, il-firma tal-ilmentatrici ma kinitx mehtiega ghaliex it-tranzazzjoni saret bit-telefon.

Ghalkemm l-Arbitru ma jhossx li l-uzu tat-telefon f'dawn it-tranzazzjonijiet huwa wiehed idoneju, fil-kaz tal-ilmentatrici din kienet haga li kien ilha ssir u hi qatt ma ilmentat dwar dan, anzi kienet komda b'din is-sitwazzjoni.

Dak li qed jintqal mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz gie anke ikkonfermat permezz ta' *Market Order Form*[7] li turi l-bejgh tal-investiment fl-*FMG Finance* u x-xiri tal-investiment fl-*IIB.* Dan id-dokument li huwa iffirmat

[3] *A fol.* 17
[4] A fol. 42
[5] *A fol.* 26
[6] Il-*Purchase Value* kien ta' €15,840, filwaqt li s-*Sell Value* kien ta' €18,040.
[7] *A fol.* 40

biss mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz jinkludi marka hdejn *Telephone Instructions* li jikkonferma li din it-tranzazzjoni saret permezz tat-telefon, xi haga li, a bazi ta' dak li ntqal mill-istess provditur tas-servizz, ma kinitx l-ewwel darba li saret mill-ilmentatrici.

Kif digà ntqal aktar kmieni, mill-investiment taghha fl-*IIB* l-ilmentatrici rceviet l-imghax kull sena li, kif rifless fit-*Transaction History* pprezentata, kien jammonta ghal €5,764. L-Arbitru josserva l-fatt li, minkejja li l-ilmentatrici sostniet li l-investiment fl-*IIB* sar minghajr il-kunsens taghha, irrizulta li fl-ebda hin tul dan iz-zmien hi ma talbet li dan l-investiment jinbiegh.

Fil-fatt, il-provditur tas-servizz sahaq li:

*'... l-istess bond seta' jinbiegh facilment sa dan iz-zmien u l-ilmentatur dejjem setghet talbet li jinbiegh u tigbor flusha tul dawn it-tliet snin, kien hemm aktar minn cans bizzejjed biex taghmel din it-talba, f'hin f'waqtu u mhux wara li saret taf li kien hemm il-problemi.'*[8]

Ir-relazzjoni tal-ilmentatrici mal-provditur tas-servizz tmur lura ghas-sena 1984, u skont it-*Transaction History* jirrizulta li saru diversi tranzazzjonijiet anke f'muniti differenti b'rati tal-imghax sostanzjali. Dan ifisser li t-tranzazzjoni ilmentata ma kinitx l-ewwel wahda tax-xorta taghha u, ghaldaqstant, zgur li kienet konxja tal-fatt li jekk, ghas-sahha tal-argument, hi ma riditx li din it-tranzazzjoni ssehh, kellha kull opportunità sabiex tul is-snin li damet investita, titlob lill-provditur tas-servizz biex jitterminalha dan l-investiment.

Dan ifisser li, irrispettivament mill-fatt jekk l-investiment ilmentat sarx bil-kunsens taghha jew le, sakemm hi kienet qed tircievi l-imghax dovut lilha, fl-ebda hin ma hasset il-htiega li tiehu azzjoni dwar dan l-istess investiment; u kien proprju meta ndunat li hemm il-problemi li ghamlet dan il-pass u eventwalment spiccat ressqet l-ilment.

Ghaldaqstant, l-Arbitru jhoss li l-verzjoni moghtija mill-provditur tas-servizz hija aktar koerenti u kredibbli u jidher car li l-ilmentatrici kien ilha zmien tinvesti fi prodotti simili ghal dak ilmentat u sakemm kienet qed tircievi l-imghax minnu ma qalet xejn. Meta bdew il-problemi bdiet tghid li l-investiment sar minghajr il-kunsens taghha. Huwa konvenjenti hafna Ii xi hadd jaghmel dan.

---

[8] *A fol.* 18

L-Arbitru huwa marbut li jaghmel gustizzja u f'dan il-kaz l-ilmentatrici ma rnexxilhiex tikkonvinci lill-Arbitru li ghandha ragun tilmenta.

Ghar-ragunijiet 'il fuq moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru qed jichad l-ilment.

Peress li gew michuda xi eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**